**5 ta' Diċembru, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**

Joseph Busuttil et.

*versus*

Lorenzo Grech

**Appell — Kontumaċja.**

*Ir-raġuni li jiġb l-appellant minn sentenza tal-Qorti Ċivili Inferjuri biex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu quddiem dik il-Qorti, meta ġie lilu deferit il-kapitolu, fis-sens illi huwa ma kienx jaf li hemm Qorti Superjuri distinta minn Qorti Inferjuri, u illi huwa fl-okkażjoni tal-kawża mar fil-Qorti Superjuri minflok f'dik Inferjuri, mhix aċċettabbli bħala skużanti l-kontumaċja.*

Il-Qorti:— Rat l-avviż li bih l-attur, quddiem il-Qorti Ċivili Inferjuri ta' Malta, talab il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £8.9.6, spejjeż ta' tiswijiet sanitarji li saru fil-fond numru 3 Magri Street, Marsa, minnu detenut; bl-ispejjeż, kompriżi 3s. ta' ittra nterpellatorja tas-7 ta' Lulju 1959;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-4 ta' Novembru 1959, tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta, li biha ġiet milqugħa t-talba, bl-ispejjeż; billi l-Qorti kkunsidrat;

Illi, imsejjaħ għas-subizzjoni, il-konvenut ma deherx, u għalhekk il-kapitolu ġie meħud b'mistqarr;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut, li appella mis-sentenza fuq imsemmija, u rat l-att taċ-ċitazzjoni tal-konvenut appellant, li talab ir-revoka tas-sentenza appellata fuq imsemmija, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi r-raġuni li ġieb l-appellant biex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti hija banali u inaċċettabbli. U tabilħaqq, huwa qal li ma kienx jaf li hemm Qorti Inferjuri distinta mis-Superjuri, u għalhekk mar fil-Qorti Superjuri fl-okkażjoni tal-kawża. Intant ma ħax ħsieb jistaqsi, lanqas lid-difensur tiegħu; u dan tal-aħħar lanqas indenja ruħu jidher għall-appellant. Is-sedi tal-Qorti hija notorja, u ġiet avżata b'Notifikazzjoni tal-Gvern, fil-waqt li d-distinzjoni tal-Qorti Superjuri minn dik tal-Maġistrati hija stabbilita fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Jekk stess dak li qal l-appellant kien veru, huwa l-każ li wieħed jikkunsidra l-injoranza bħala ineskużabbli; il-għaliex "scire debere et scire idem est in jure";

Għaldaqstant l-appellant ma ġġustifikax il-kontumaċja, u għalhekk ma waqqgħax l-effett tas-subizzjoni, li ġiebet ammissjoni tat-talba;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant.